MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1676/2002

**Carmel sive Charles jew Charlie**
**Bianco f'ismu u ghad-ditta**
**C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**John Mary Seychell**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,160.00c (elf, mija u sittin lira Maltin) rappresentanti kambjalijiet mahruga minn John Mary Seychell favur Carmel sive Charles Bianco ta' C. Bianco Co. Ltd ghall-ammont ta' Lm40.00c (erbghin lira Maltin) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas disgha u ghoxrin kambjalijiet li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Mejju 1998 u Settembru 2000.

Bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji nkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------